**S6.3.1**
Il-pajjiżi protagonisti tat-Tieni Gwerra u l-qagħda strateġika ta' Malta

*Kitba ta' Frank Tabone*

## DIN L-ART ĦELWA – F'NOFS TA' BAĦAR

Matul sekli kull ma seħħ fl-Ewropa tal-Punent kif ukoll dik tal-Lvant laqat lil pajjiżna. U dan kollu minħabba l-pożizzjoni ġeografika ta' Malta – li qiegħda sewwa sew f'nofs il-Baħar Mediterran.

**It-Tieni Gwerra Dinjija (1939 – 1945)** lanqas ma ħafritha lil Malta. Il-Maltin kellhom ibatu u jagħmlu sagrifiċċji kbar biex Malta tibqa' bla mittiefsa. Din hija storja ta' tbatija u qtigħ il-qalb, sagrifiċċji ta' kuljum li missirijietna kellhom jgħaddu minnhom taħt xita ta' bombi qerrieda.

Fil-mappa ta' hawn taħt, naraw sewwa sew lil Malta, f'nofs il-Baħar Mediterran kif ukoll fil-qalba tal-kunflitti bejn l-Alleati (l-Ingliżi u l-Franċiżi) u l-Assi (il-Ġermanja u l-Italja).

## MILL-ISTORJA: META S-SEMA JIDDALLAM



**Drama Storika**:
Grupp ta' ħamest itfal kienu għal ġita fil-belt ta' Ruma flimkien man-nannu Mario. Kull tifel/tifla jaqra l-parti tiegħu b'mod drammatizzat.



Roderick: Nann, kemm hu kbir il-Kolossew! Dak min bnieh?
Nannu: Veru kbir! Kbir ħafna. Dak inbena fi żmien ir-Rumani, ħafna snin qabel Kristu.
Charlene: U dawk x'inhuma Nann? Dawk ta' hemm taħt!
Nannu: Dawk kienu l-kmamar fejn kienu jżommu l-iljuni u bhejjem selvaġġi qabel ma kienu jiġġieldu mal-gladjaturi. Imma issa tfal, ejjew nimxu ħalli nurikom parti oħra minn din il-belt sabiħa.

(*Jaslu fi Pjazza Venezja, ħdejn il-fdalijiet antiki*)

Klara: Ma, kemm hi kbira din il-pjazza.
Roderick: U xi traffiku hawn! U storbju!
Nannu: Bir-raġun tfal! Hawn qegħdin fil-qalba tal-belt. Din hija Pjazza Venezja u matul l-istorja, kellha importanza kbira.

*Pjazza Venezja ġewwa Ruma*



Francesca: Veru Nann? U għaliex dan?
Nannu: Dażgur! U kif! Mela ħarsu...
Caroline: Nann, dak x'palazz hu kemm hu kbir u sabiħ! Qatt ma rajt bħalu jien! Dak min jgħix hemmhekk?
Nannu: Dak għandu x'jaqsam ma' Malta!
(It-tfal) Ma' Malta!!!!
Nannu: Ħafna wkoll. Tridu tisimgħu għaliex?
(It-tfal): Iva, Nann, għidilna għaliex!
Klara: Jidher interessanti ħafna!
Nannu: Tfal, dak hu palazzo importanti ħafna. Fih kien joqgħod il-mexxej Taljan li kien maħbub wisq mit-Taljani.
Roderick: X'kien jismu, Nann?
Nannu: Kien jismu Benito Mussolini. Kien bena u għamel ħafna opri ġodda ġol-Italja u hawn f'Ruma hu maħbub immens minħabba li bena bosta djar ġodda lin-nies foqra.



Francesca: Kellu qalbu tad-deheb mid-dehra, Nann? Hux hekk!
Nannu: Sa ċertu punt veru! Iżda mhux għal kollox!
Charlene: U għaliex, Nann?
Nannu: Ħarsu daqsxejn lejn il-bieb tan-nofs. Bieb kbir li minnu kien jidħol kuljum. Fuq il-bieb hemm bieb u gallarija. Minn dik il-kamra, Benito kien imexxi l-Italja kollha. Kien jagħti l-ordnijiet. Kien jikkmanda kollox hu. U kien iħobb joħroġ f'dik il-gallarija u jkellem lill-poplu Taljan li kien joħnoq din il-pjazza li qeghdin fiha! Ma kienx ikun hawn fejn taqa' labra! Kienu jisimgħuh b'attenzjoni u jagħmlu dak kollu li jgħidilhom hu!

Caroline: U ngħid jien, Malta kif tidħol fl-istorja, Nann?

Nannu: Tfal, eżattament fl-10 ta' Ġunju 1940, Benito Mussolini ħareġ f’dik il-gallarija u għamel messaġġ ikrah! Messaġġ ta' gwerra. Kien qal li l-Italja, minn dak il-jum kienet daħlet fil-gwerra biex tgħin lill-Ġermanja ta' Hitler.

Klara: Ma, x'biża'! Min jaf kemm beżgħu n-nies!

Nannu: Veru. Imma ġara li pajjiżna Malta, dak iż-żmien kienet taħt l-Ingliżi. L-Ingliżi u l-Franċiżi flimkien u wara l-Amerikani, kienu kontra -egoiżmu sfrenat ta' Hitler u anki Mussolini li riedu jieħdu l-artijiet ta’ ħaddieħor. Għalhekk, għal Mussolini u l-Italja, Malta kienet tfisser għadu minħabba l-Ingliżi.

## AQRA... AĦSEB...IDDISKUTI... U IKTEB

1. F'liema belt kienu qegħdin it-tfal u n-Nannu Mario?

   ______________________________________________

2. F’liema data l-Italja daħlet fit-Tieni Gwerra Dinjija?

   ______________________________________________

3. Min kienu l-pajjiżi ħbieb ta’ Malta?

   ______________________________________________

4. Min kienu l-pajjiżi għedewwa ta’ pajjiżna?

   ______________________________________________